GVERN TA' MALTA
UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

ACKNOWLEDGED
19 SEP 2025
LETTER

RECEIVED
19 SEP 2025
COMMISSIONER FOR ENVIRONMENT AND PLANNING

CEP-25-5884

19 ta' Settembru 2025

Imħallef Emeritu Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Perit Alan Saliba
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

Sinjuri

Nirreferi għall-ittra tal-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar bid-data tal-21 t'Awwissu 2025, li permezz tagħha irrefera lill-Prim Ministru, l-Opinjoni Finali marbuta mal-każ CEP-25-5884, skont artiklu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman.

Ninsab infurmat li l-Ministeru ikkunsidra bir-reqqa l-Opinjoni Finali u r-rakkomandazzjoni biex il-Kamra tal-Ġeoloġi tiġi inkluża bħala membru sħiħ tal-Kunsill Konsultattiv dwar il-Kostruzzjoni tal-Bini (BCCC).

Filwaqt li l-Ministeru jirrikonoxxi u japprezza bis-sħiħ ir-raġunament wara din ir-rakkomandazzjoni, huwa wkoll kommess li jrawwem bis-sħiħ proċess konsultattiv wiesgħa u nklussiv li jirrifletti n-natura li qed tevolvi fis-settur.

Bħal ma ġie infurmat l-Omdudsman, u kif intwera matul dan il-każ, it-talba tal-Kamra tal-Ġeoloġi ġiet debitament riferuta mill-Ministeru lill-BCCC biex din tiġi kkunsidrata. Madankollu, ir-rispons li wasal mingħand il-membri tal-partijiet ikkonċernati ma ndikax appoġġ sabiex il-Kamra tal-Ġeoloġi tiġi rikonoxxuta bħala membru sħiħ. Ta' min jinnota li l-Kamra kemm il-darba ġiet mistiedna biex tattendi laqgħat sabiex tagħti l-opinjoni tagħha, meta d-diskussjoni tkun dwar materja relevanti fejn setqhet tagħti l-opinjoni teknika tagħha. Dawn l-istediniet qatt ma ntlaqgħu minn naħa tal-Kamra tal-Ġeoloġi.

Fid-dawl ta' dan ix-xenarju, u b' kunsiderazzjoni tal-mod li bih qed jiżviluppa s-settur, il-Ministeru, permezz tad-Direttorat tal-Kostruzzjoni u s-Sigurtà li għadu kif ġie stabbilit, qed

Berġa ta' Kastilja, Valletta, Malta
T +356 2200 1489 E pps@gov.mt
publicservice.gov.mt fb.com/servizzpubbliku

GVERN TA' MALTA
UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

jaħdem bi sħiħ fuq diversi miżuri li jwasslu għar-riforma fis-settur tal-kostruzzjoni. Dawn l-isforzi għandhom l-għan li jiżguraw qafas aktar inklussiv, bilanċjat, u rappreżentattiv.

Kif ġie nfurmat l-Ombudsman fil-korrispondenza li għaddiet, bħalissa għaddej ukoll analiżi intern li mistenni jirriżulta f'bidliet sostantivi anke fl-istruttura operattiva tal-BCCC.

Il-BCCC iservi ta' pjattaforma għall-konsultazzjoni u djalogu fost ir-rappreżentanti ta' diversi setturi fi ħdan l-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni, flimkien mal-Gvern, u l-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni.

F'dan ir-rigward, filwaqt li l-Ministeru jsostni li jibqa' jżomm ir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman fi stima għolja, irid jiġi rispettat ukoll l-eżitu tal-proċess konsultattiv li jkun sar fi ħdan il-BCCC. Id-djalogu kostruttiv, min-natura tiegħu stess, għandu jkun iggwidat minn impenn u rispett reċiproku, aktar milli minn deċiżjonijiet unilaterali.

Huwa għal dan il-għan li l-Ministeru jibqa' jsostni li jkun prematur f'dan l-istadju li tiġi implimentata kwalunkwe rakkomandazzjoni jew li jinbdew emendi leġislattivi qabel il-konklużjoni tal-analiżi li għaddej bħalissa.

Il-Ministeru qed jaħdem bis-sħiħ biex iwettaq riforma olistika fis-Settur tal-Kostruzzjoni liema ħidma diġà ssarrfet f'diversi miżuri u tibdiliet li jolqtu l-industrija u l-poplu in ġenerali. Madankollu, xorta għad fadal aktar xi jsir u l-Gvern huwa kommess li jkompli jwettaq din ir-riforma.

Tislijiet

Tony Sultana
Segretarju Permanenti Ewlieni

cc: Onor Prim Ministru
Segretarju Permanenti (MJR)